Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16253/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0417(COD)

AGRI 862
AGRILEG 280
CODEC 2249
DELACT 181
POLCOM 430

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 8242 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'23.11.2026 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 fir-rigward tad-data tal-iskadenza tar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti għall-finijiet tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 8242 final.

Mehmuż: C(2026) 8242 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2026
C(2026) 8242 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.11.2026

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 fir-rigward tad-data tal-iskadenza tar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti għall-finijiet tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342[1] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[2] għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni.

B'mod partikolari, l-Artikolu 5, il-paragrafu 3, tar-Regolament Delegat imsemmi hawn fuq jistabbilixxi d-data tal-iskadenza għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni u r-rieżami tar-rikonoxximent ta' dawk il-pajjiżi terzi ekwivalenti mill-Kummissjoni bl-assistenza tal-Istati Membri.

Id-data tal-iskadenza għar-rikonoxximent tal-pajjiżi terzi li l-produzzjoni organika u s-sistemi ta' kontroll tagħhom ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni, hija stabbilita fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-produzzjoni, it-tikkettar u ċ-ċertifikazzjoni u ċerti regoli dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi[3].

Sabiex jiġu żgurati superviżjoni effettiva u l-possibbiltà li jiġu rieżaminati dawk l-ekwivalenzi għad-durata tal-applikazzjoni tagħhom, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li ma tinħoloq l-ebda diskrepanza fid-dati previsti fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 u fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3, tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342.

Għaddejjin skambji tekniċi ma' dawk il-pajjiżi terzi bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi. Fil-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/848 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-produzzjoni, it-tikkettar u ċ-ċertifikazzjoni u ċerti regoli dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi[4], il-Kummissjoni pproponiet li testendi d-data tal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 48(1) ta' dak ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2036 biex jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ ta' prodotti organiċi.

Din l-emenda tissostitwixxi d-data fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3, tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 b'kontroreferenza għad-data stabbilita fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 sabiex l-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 tiġi allinjata ma' dik id-data.

Ir-rikonoxximent ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll mogħti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 skada fil-31 ta' Diċembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2018/848. Għalhekk, din l-emenda

---

1 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 tas-27 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni (ĠU L 292, 16.8.2021, p. 20).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

3 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

4 COM/2025/780 final.

tħassar id-dispożizzjonijiet u r-referenzi relatati ma' dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll fir-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 peress li ma għadhomx applikabbli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-att ġie diskuss mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Produzzjoni Organika. Id-DĠ AGRI kkoopera kif meħtieġ ma' DĠ oħrajn fil-qasam tal-għarfien espert speċifiku tagħhom meta abbozza dawn ir-regoli. L-abbozz tar-Regolament Delegat ġie ppubblikat għall-feedback fuq il-portal tal-Kummissjoni Ewropea "Semma' leħnek" mill-31 ta' Lulju sat-28 ta' Awwissu 2026. Waslu erba' kontributi. Milli jidher tlieta minnhom kienu minn ċittadini privati u wieħed minnhom esprima l-appoġġ għall-proposta, wieħed minnhom ma qabilx u t-tielet wieħed esprima tħassib dwar it-trasparenza. Ir-raba' kontribut kien minn entità ekonomika attiva fil-prodotti organiċi. L-emendi proposti tqiesu bħala raġonevoli mill-kontributi. L-ebda modifika ma tqieset bħala meħtieġa wara l-konsultazzjoni pubblika.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jissostitwixxi d-data fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3, tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 b'kontroreferenza għad-data stabbilita fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848.

L-att delegat iħassar ukoll id-dispożizzjonijiet u r-referenzi relatati mal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, wara l-iskadenza tar-rikonoxximent tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2024.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.11.2026

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 fir-rigward tad-data tal-iskadenza tar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti għall-finijiet tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 48(4) u l-Artikolu 57(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342[6] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[7] għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni.

(2) Wara l-iskadenza, skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, tar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 fil-31 ta' Diċembru 2024, jenħtieġ li jitħassru d-dispożizzjonijiet u r-referenzi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 relatati ma' dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll.

(3) Peress li d-data tal-iskadenza tar-rikonoxximent ta' pajjiż terz għall-finijiet tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 hi stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/848, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 tiġi allinjata ma' dik id-data.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 jiġi emendat kif xieraq,

---

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/834/oj).

6 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 tas-27 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni (ĠU L 292, 16.8.2021, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1342/oj).

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/834/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat(UE) 2021/1342

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 tas-27 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi għall-fini tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni";

(2) l-Artikoli 2 u 4 jitħassru;

(3) l-Artikolu 4a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jitħassar;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista' taqsam it-talbiet għall-assistenza bejn l-Istati Membri proporzjonalment man-numru ta' voti ta' kull Stat Membru fil-Kumitat dwar il-Produzzjoni Organika.";

(4) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikoli 1, 3 u l-Artikolu 4a(1) għandhom japplikaw sad-data tal-iskadenza tar-rikonoxximent kif stabbilit fl-Artikolu 48(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2018/848.";

(b) ir-raba' paragrafu jitħassar.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.11.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN